2. It-tieni aggravju, li alternativament, anke jekk il-prinċipju ta’ *ultra petita* kien intuża, il-Qorti Ġenerali missha qalet li kienet, minkejja dan kollu, libera – saħansitra obbligata – li tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha sabiex timplementa l-konklużjonijiet tagħha li kien hemm difett fid-deċiżjoni kkontestata li kisret id-dispożizzjonijiet superjuri tal-liġi, jiġifieri l-prinċipji ta’ legalità u ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta’ Frar 2016 minn Orange Polska SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fis-17 ta’ Diċembru 2015 fil-Kawża T-486/11, Orange Polska SA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-123/16 P)**

(2016/C 191/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Orange Polska SA (rappreżentanti: D.M. Beard QC, A. Howard, Barristers, M. Modzelewska de Raad, avukat, P. Paśnik, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Polska Izba Informatyki i Telekomunikacji, European Competitive Telecommunications Association

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali;

— tannulla d-deċiżjoni fl-intier tagħha; u sussidjarjament,

— tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni fl-intier tiegħu, jew sussidjarjament,

— tnaqqas l-ammont tal-multa li hija ffissata fih meta jkun xieraq, jew sussidjarjament

— tirrinvija d-deċiżjoni dwar il-multa quddiem il-Kummissjoni; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha l-appellanti tinvoka tliet aggravji: l-ewwel aggravju jikkontesta l-validità tal-mertu tat-talba dwar l-eżistenza ta’ ksur fid-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, filwaqt li ż-żewġ aggravji l-oħra jirrigwardaw l-ammont tal-multa imposta skont l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni.

a. L-ewwel nett, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi u fir-raġunament billi ma talbitx lill-Kummissjoni li tipprova li hija għandha interess ġuridiku sabiex tkompli bl-investigazzjoni tagħha u bl-adozzjoni ta’ deċiżjoni [li tikkonstata] ksur f’dak li jirrigwarda l-aġir fil-passat.

b. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet ċertu numru ta’ żbalji ta’ liġi u/jew żnaturat il-provi billi sostniet l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-effetti tal-ksur għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa.

c. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi u manifestament wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-provi billi rrifjutat li tirrikonoxxi l-investimenti li wettqet Orange bil-għan li tiġi mnaqqsa l-multa minħabba ċirkustanzi attenwanti.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta) fid-29 ta' Frar 2016 – Malta Dental Technologists Association *et* vs Superintendent tas-Saħħa Pubblika, Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina**

**(Kawża C-125/16)**

(2016/C 191/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Malti*

**Qorti tar-rinviju**

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Malta Dental Technologists Association, John Salomone Reynaud

*Konvenuti:* Superintendent tas-Saħħa Pubblika, Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

**Domandi preliminari**

1) Jekk il-projbizzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa f'Malta, ossia r-rifjut tagħhom li jagħtu għarfien lill-professjoni ta' Clinical Dental Technologists/Denturists minnkejja li ma hemmx diskriminazzjoni fil-liġi iżda fil-prattika, applikanti minn Stati Membri oħra qed jiġu projbiti li jistabbilixxu l-professjoni tagħhom f'Malta hijiex inkompatibbli mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-ħolqien tas-Single Market, partikolarment kif jemanaw mill-Artikoli 49 TFEU, 52 TFEU u 56 TFEU meta ma hemmx periklu għas-saħħa pubblika.

2) Jekk id-Direttiva 2005/36/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, imsejħa l-Professional Qualifications Directive, għandhiex tiġi applikata fir-rigward ta' Clinical Dental Technologists peress illi jekk dentiera tkun difettuża, l-unika konsegwenza tkun li dik id-"dental appliance" difettuża tkun trid tiġi aġġustata jew mibdula, mingħajr l-ebda periklu għall-pazjent.

3) Jekk il-projbizzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa f'Malta li qiegħda tiġi kkontestata ma tistax isservi biex tassigura l-objettiv li jkun hawn livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika peress li kull dentiera difettuża tista' tiġi mibdula mingħajr l-ebda periklu għall-pazjent.

4) Jekk hux qed jiġi vvjolat il-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba l-mod kif il-konvenut Superintendent tas-Saħħa Pubblika qed jinterpreta u jenforza d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, fir-rigward ta' Clinical Dental Technologists li japplikaw għal rikonoxximent mill-istess awtoritajiet tas-saħħa f'Malta.

---

[1] Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).